

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9636/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0110 (NLE)

AGRI 238
AGRIORG 70
OIV 7

NOTA

Suġġett: ANNESS għall-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li ser jittieħed vot dwarhom fit-23 Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV), li ser issir fl-20 ta' Ġunju 2025

ANNESS

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, għandhom jappoġġaw l-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet li ġejjin fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

- OENO-MICRO 22-713A: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-most tal-għeneb u fl-inbejjed;
- OENO-MICRO 22-713B: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-kulturi tal-ħmira;
- OENO-MICRO 23-739: Validazzjoni ta' protokoll standard għall-evalwazzjoni tal-proprietajiet tal-fermentazzjoni tar-razez *S. cerevisiae*;
- OENO-TECHNO 14-540B: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid parzjalment dealkoholizzat, soġġett għall-fehim li jenħtieġ li t-taqsimu dwar "Taħlil" u b'mod partikolari d-Definizzjoni "*Żieda ta' dolċifikanti ma' nbid dealkoholizzat*" tiġi interpretata bħala limitata għall-prodotti elenkati fil-"*Preskrizzjoni*";
- OENO-TECHNO 23-730: Limitu tal-aċidu sorbiku fl-inbid;
- OENO-TECHNO 23-738: Trattament tal-most bl-aċidu fumariku għall-kontroll mikrobijoloġiku;
- OENO-SPECIF 21-691: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-aċidu tartariku (L +) $^{13}\text{C}/^{12}\text{C}$ u $^{18}\text{O}/^{16}\text{O}$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-isotopi;

- OENO-SPECIF 23-728: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-kitosan $^{13}\text{C}/^{12}\text{C}$ u $^{15}\text{N}/^{14}\text{N}$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-isotopi.

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, ma għandhomx jappoġġaw l-abbozz tar-risoluzzjoni segwenti fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

- OENO-TECHNO 14-540A: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid dealkoħolizzat.